# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI NUMRU 2305

### Chairman: Dr Leslie Cuschieri Cert.Dip.Stud., LL.D.

**Kaz Numru 2783/LC**

**Fil-kwistjoni tax-Xoghol bejn**

**Angela Vassallo**

**vs**

**Milano Due Limited**

**dwar allegazzjoni ta' trattament diskriminatorju u tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta**

Illum 16 ta' Settembru 2014

Dan il-kaz gie referut lit-Tribunal Industrijali b'rikors ta' Angela Vassallo pprezentat fir-Registru tal-Qorti fid-29 ta' April 2010 tramite l-avukat Dottor Robert Tufigno. Ghall-iskopijiet ta' Artikolu 78 ta' Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta jinghad li dan il-kaz ma setghax jigi deciz fiz-zmien moghti bil-ligi minhabba li l-gbir tal-provi ha fit-tul.

DIKJARAZZJONIJIET

Ir-Rikorrenti tiddikjara fir-rikors taghha li hija kien ilha mill-4 ta' Frar 1991 impjegata mas-socjeta' Milano Due Limited li tiggestixxi l-lukanda Milano Due, meta fl-2001 inghatat il-kariga ta' housekeeper. Barra xoghol ta' housekeeping hija kienet taghmel xoghol iehor fl-istess lukanda bhal hasil u moghdija tal-bjankerija u xugamani u purtieri. Tghid li fis-7 t'Ottubru 2009 il-kumpanija intimata infurmata b'ittra li l-impieg taghha kien qed jigi mitmum b'effett mid-29 ta' Dicembru 2009 minhabba "Refurbishing Programme" tal-

lukanda. Hija tghid li din ma tikkostitwix "*redundancy*". Tghid li imbaghad ghall-habta ta' April 2010 il-lukanda fethet mill-gdid ghax-xoghol, izda hija ma gietx impjegata mill-gdid, u dan minkejja li kienet giet infurmata illi malli terga tiftah il-lukanda il-mamagement kien sejjer jibghat ghaliha. Hija irrappurtat dan lid-Dipartiment tal-Impiegi u Relazzjonijiet Industrijali. Tghid li tul ir-*refurbishment* mhux il-haddiema kollha twaqqfu mix-xoghol u wara li fethet il-haddiema kollha ssejhu lura minbarra hi, oltre li gew impjegati nies godda. Fil-waqt li tilmenta li t-terminazzjoni tal-impieg taghha ma kinitx ghal raguni valida fil-ligi, anke kieku din it-terminazzjoni kienet minhabba *redundancy*, hija kienet intitolata terga' tigi impjegata a tenur tal-atikolu 36(b) tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta, oltre li giet diskriminata u vvittimizzata skond kif fuq premess meta ma regghetx giet impjegata mill-gdid. Ir-rikorrenti talbet li tigi ordnata tidhol lura fl-impieg li kellha jew sussidjarjament jigi dikjarat li l-kumpanija intimata kisret l-artikolu 36(b) tal-Kap 452 minhabba diskriminazzjoni u vittimizzazzjoni skond l-artikli 26 u 28 tal-istess ligi, u jinghata rimedju ta' reinstatement u/jew kumpens xieraq.

Il-kumpanija intimata rrispondiet b'Dikjarazzjoni fejn preliminarjament eccepiet li kien hemm dekadenza in kwantu r-rikorrenti fethet il-kaz taghha aktar minn erba' xhur wara d-decizjoni tat-terminazzjoni tal-impieg tar-rikorrenti, u in oltre tghid li t-talbiet attrici anqas ma huma fondati fil-mertu. Jinghad li jekk ir-rikorrenti kienet taghmel xoghol iktar minn dak li kienet timporta l-kariga ta' housekeeper, ir-rikorrenti kienet taghmel tali xoghol minn rajha. Jinghad li l-lukanda ghalqet ghal *refurbishment* ghal numru ta' xhur u tul dan iz-zmien hafna haddiema twaqqfu mill-impieg minhabba *redundancy*, u t-terminazzjoni tal-impieg tar-rikorrenti kien ghal *redundancy* ukoll, u inghatat in-*notice*. Ghalhekk il-kumpanija intimata la ddiskriminat u anqas ivvittimizzat lir-rikorrenti.

<u>PRELIMINARI</u>

Fl-ewwel seduta, li nzammet fl-1 ta' Gunju 2010, dan it-Tribunal stieden lill-partijiet sabiex jesploraw il-possibilita` ta’ ftehim bonarju, izda l-partijiet ma waslux ghal dan.

IL-PROVI MIGJUBA

Il-kumpanija intimata bdiet il-provi taghha billi ressqet affidavit ta' Franklin Pulis li gie mahluf fit-13 ta' Lulju 2010: fil-waqt li kkonferma dak li inghad fid-dikjarazzjoni tal-kaz, elabora billi spjega li huwa kien ilu General Manager tal-lukanda Milano Due minn Lulju 2004. Jghid li fl-20 sena li l-lukanda kien ilha miftuha qatt ma kien sarilha *refurbishment* magguri, u gie deciz li jsir *refurbishment* wara s-sajf tal-2009, u l-lukanda taghlaq fil-31 t'Ottubru 2009 meta kellha 18 –il haddiem full-time u 12 –il haddiem part-time. Il-lukanda ghalqet kompletament, pero din kellha coffee-shop li baqa' miftuh ghall-klienti. Jghid ukoll li kien hemm bzonn ta' xoghol li ma jirrikjedi ebda sengha, bhal garr ta' ghamara u tindif, u gie deciz li kull min mill-haddiema, kien x'kien il-grad tieghu, ried jidhol jaghmel dan ix-xoghol dahhluh. Jghid li qabel lahqet house-keeper, ir-rikorrenti kienet part-time *seamstress* u imbaghad full time *linen-keeper/ seamstress*. Dan ix-xhud jichad li meta r-rikorenti kienet house-keeper kienet taghmel xoghol ta' tindif ta' kmamar u jghid li l-lukanda kellha hames haddiema fil-house-keeping, imma tul ir-refurbishment zammew wahda biss biex tnaddaf il-Coffee-Shop u l-kcina. Jghid li fost il-haddiema li inzammu fl-impieg biex izommu miftuh il-coffee-shop kien hemm ir-ragel tar-rikorrenti stess. Jghid ukoll li meta bdew jitlestew xi sezzjonijiet mill-lukanda regghu bdew isejhu xi haddiema biex jghinu fit-tindif jew fil-garr tal-oggetti. Jghid li numru ta' haddiema bdew jaghmlu xoghol li ma kienux jaghmluh meta l-lukand kienet miftuha, bhal per ezempju hu stess li beda jaghmel xoghol ta' reklamar u reservations ghal wara li terga' tiftah il-lukanda. Il-lukanda regghet fethet fl-1 t'April 2010, pero` ftit li xejn kien hemm xoghol, u ghalhekk ix-xoghol tal-housekeeping, li kienet taghmel ir-rikorrenti, tqieghed fir-responsabbilta` tal-istess general manager. Dan ix-xhud jispjega li dan seta'

jaghmlu hu ghaliex anke fiz-zmien li r-rikorrenti kienet house-keeper huwa kien jinvolvi ruhu f'dak ix-xoghol. Jghid li f'April 2010 ir-rikorrenti cemplitlu biex tistaqsih x'ser isir minnha u hu qalilha li sa dak iz-zmien ma kienx hemm xoghol ghaliha. Jghid li hija bdiet tghagglu ghal risposta, u jghid li imbaghad l-avukat infurmah li hija seta' kellha dik l-ghaggla ghaliex kien ser jaghlqilha z-zmien li setghet tiftah dan il-kaz.
In kontroezami, Franklin Pulis jghid li meta r-rikorrenti twaqqfet mix-xoghol il-kumpanija kellha l-hsieb terga' timpjegaha, tant li anke kien gie budgeted il-hlas tal-paga taghha ghas-sena 2010, izda imbaghad ic-cirkostanzi kienu li ma kienx hemm xoghol ghaliha. Jghid li ma offrilhiex xoghol alternattiv ghaliex ix-xoghol alternattiv li kien hemm kien jinvolvi strapazz, u r-rikorrenti ma setghetx taghmel xoghol hekk ghal ragunijiet ta' sahha, partikolarment ugigh f'daharha u spallitha. Jghid li c-Chairman huwa Gharbi. Jghid ukoll li minhabba l-kunflitti li kien hemm fil-pajjizi Gharab kien hemm nuqqas ta' xoghol fil-lukanda u li fl-2010 il-lukanda m'ghamlitx qliegh; meta xhed f'Gunju 2011 il-lukanda kienet ghadha ma rpiljatx, u kien ghad m'hemmx bzonn ta' House Keeper.

Rapprezentanta tal-ETC ipprezentat il- job-histories ta' xi haddiema tal-Milano Due li juru kif dawn twaqqfilhom ix-xoghol lejn l-ahhar tal-2009, pero` regghu bdew fl-2010 b'xoghol differenti. Peter Gravina kien Kitchen Porter, twaqqaf mix-xoghol 3 xhur, dahhluh part-time labourer u kien biss f'Settembru 2010 li regghu impjegawh full-time kitchen porter. Sussegwentement esebiet ukoll il-job-history tar-rikorrenti li turi li l-impieg taghha gie terminat b'effett mid-29 ta' Dicembru 2009.

Josephine Abdilla, Finance Manager mal-Milano Due Hotel, tghid li fl-Ottubru 2009 waqqfu hafna haddiema mix-xoghol minhabba refurbishment tal-lukanda. Tghid li Angela Vassallo kienet intitolata ghal full notice, li inghatalha, u f'dan il-perjodu hija hadet il-leave kollu li kien baqghalha. Tghid li hija thallset dak kollu li kien dovut lilha skond il-ligi. In kontroezami tghid li kull min twaqqaf mix-xoghol rega' gie offrut ix-xoghol wara li l-lukanda fethet, minbarra r-

rikorrenti li ma kienx hemm xoghol ghaliha, u certa Maria Pia George li giet infurmata mill-ewwel li ma kienx bi hsiebhom isejhulha lura. Tghid li ma tafx jekk kienx hemm xi decizjoni bil-quddiem dwar Angela Vassallo jekk tigix imsejha lura jew le. Mistoqsija tghid jekk is-sur Pulis kellux relazzjoni tajba ma' Angela Vassallo, ix-xhud tghid li Pulis jghid "Bongu" lil kulhadd, imma wiehed ihoss li din mhux necessarjament tfisser li kien kuntent b'kull haddiem.

Alfrida Muscat, segretarja fil-Milano Due Hotel, ikkonfermat li meta f'Ottubru 2009 intbaghatet l-ittra tat-terminzazzjoni lil Angela Vassallo u lil xi erbgha ohra, il-lukanda kellha 18 –il haddiem full-time u 12 part-time. Ix-xoghol twaqqaf lir-rikorrenti, lil Jonathan Cassar, Amabile Galan, Joseph Shembri u lil Dorothy Fenech.

George Camilleri, manager fid-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali, xhed li Angela Vassallo ma ressqet ebda kaz mad-Dipartiment kontra Milano Due. Pero` seta' kien possibbli li r-rikorrent tkun ressqat ilment verbali ma' xi hadd u jekk ma jkunx ser jigi segwit ma jinfetahx file.

Dorothy Fenech li kkonfermat li f'xi Ottubru 2009 hija twaqqfet mix-xoghol ta' maid-cleaner, izda regghet iddahhlet fi Frar 2010. Hija tnaddaf il-kmamar, public areas, terrazzin, hgieg u li jkun hemm bzonn. Tghid li fil-waqt li hi u Angela Vassallo twaqqfu mix-xoghol, Alexia Micallef li kienet tigi wara Angela Vassallo, kienet baqghet hemm. Tghid li ghal xi sena u nofs qabel ir-refurbishment, Angela Vassallo kienet tinkarigaha taghmel *supervision* fuq maids l-ohra. Tghid li n-numru ta' maids kien ivarja skond kemm tkun mimlija l-lukanda, u dan kien ikun bejn tnejn sa sebgha maids. Tghid li Angela kienet taghmel ir-roster tax-xoghol, tqassam ix-xoghol lill-haddiema, taghmel il-laundry u supervision fuq il-haddiema. Din ix-xhud tghid li x-xoghol laundry u *supervision* spiss kienet taghmlu hi ukoll, pero` s-*supervisor* proprja kienet Alexia Micallef.

Alexia Micallef tixhed u tghid li xogholha kien *chambermaid,* izda fiz-zmien li l-lukanda ghalqet hija baqghet tahdem bhala dishwasher bl-istess paga. Xogholha normali huwa li tnaddaf il-kmamar, laundry, u tindif tal-*public areas*. Bhala *supervision*, hija kienet taghmel dan ix-xoghol flimkien ma' Angela Vassallo, pero` meta imbaghad fethet il-lukanda mill-gdid ix-xoghol bdiet taghmlu flimkien ma' Dorothy Fenech. Dwar ir-roster tghid li qabel din kienet taghmilha Angela Vassallo jew is-sur Pulis. Tghid li llum il-gurnata (meta xhedet f'Jannar 2011) ma hemmx House-Keeper.

Gaspar Cassar jixhed li huwa r-reservations u front-office manager mal-Milano Due. Jghid li f'Novembru 2009 gie redundant, izda dahal lura fi Frar 2010. Jghid li l-general manager kien infurmah li kien ser jispicca redundant minhabba refurbishment tal-lukanda, izda gie nfurmat ukoll li malli terga' tiftah huwa jiddahhal lura. Jghid li dan ma kienx ezercizzju ta' ristrutturar tal-impiegi.

Mohammed Thabet xhed li huwa kien Accounts Manager u food and Beverage Controller, pero` fiz-zmien tar-refurbishment zamm dan ix-xoghol ghal dak li jirrigwarda l-bistro/bar tal-lukanda, Il Pomodoro, li baqa' jiffunzjona, izda b'zieda ma' dan beda jaghmel ukoll xoghol fil-maintenance.

Michael Sultana xhed li huwa Chef mal-Milano Due. Fiz-zmien tar-refurbishment il-manager qallu li ma kellux xoghol biz-zejjed ghalih, izda huwa offra li jaghmel xoghol ta' maintenance peress li kien jahdem hekk qabel band'ohra. Ghalhekk huwa baqa' jaghmel xi ftit xoghol ta' tisjir ghall-Coffee-Shop, izda beda jaghmel ukoll xoghol ta' tikhil, zebgha u maintenance iehor. B'hekk huwa baqa' full-timer.

Anthony Vella xhed li huwa headwaiter mal-Milano Due u kien jahdem kemm fil-Penthouse restaurant tal-lukanda kif ukoll fil-Coffee-Shop. Meta ghalqet il-lukanda ir-restaurant ghalaq u hu baqa' jaghmel xogholu fil-Coffee-Shop flimkien mar-ragel tar-rikorrenti (li ukoll zamm l-impieg tieghu), u beda

jaghmel xoghol ta' maintenance partikolarment tibjid, peress li gieli ghamel dak ix-xoghol qabel. Jghid li wara li regghet fethet il-lukanda ma baqax jaghmel xoghol ta' maintenance, izda gieli beda jaghmel xoghol ta' duty manager fil-ghaxija.

Roslin Finocchiaro xhedet li kienet maid fil-Mialno Due, u allura kienet tnaddaf il-kmamar. Tghid li r-rikorrenti kienet House Keeper fis-sens li kienet tqassam ix-xoghol fil-kmamar u tara li jinbidel il-linen. Tghid li meta l-lukanda ghalqet hija waqfet mix-xoghol, marret tahdem x'imkien iehor, u fi Frar 2011 regghet marret lura fil-Milano Due. Tghid li kien ikun hemm okkazjonijiet fejn ir-rikorrenti kienet tqabbadha tmur ticcekkja l-kmamar, meta dan kien xoghol li suppost kienet taghmlu l-House-keeper stess. Tghid li qabel ir-refurbishment kienet Angela Vassallo li kienet ittiha x-xoghol, izda meta ma kinitx tkun hemm ix-xoghol kienet ittihulha Alexia li kienet taghmel xoghol bhal Angela. Illum Alexia suppost tiehu hsieb it-tqassim tax-xoghol, izda peress li din waqfet ghax pregnant, it-tqassim qed taghmlu Dorothy, li hi maid.

Ir-rikorrenti xhedet permezz ta' affidavit fejn qalet li wara li giet impjegata bhala *seamstress* hija saret Housekeeper tiehu hsieb it-tindif tal-kmamar, restaurants, *reception areas u public areas,* u meta bdiet topera *in-house laundry* hija bdiet tiehu hsieb tara li l-linen jinbidel u jinhasel. Ir-roster tal-housekeeping kienet taghmlu darba fil-gimgha wara li tkun qieset x'xoghol ikun ser jidhol. Ir-roster imbaghad kien japprovaha l-manager. Meta fl-2004 gie Frank Pulis bhala general manager, dan kien jaghmel ir-roster hu u lilha kien jghidilha li hi kienet Housekeeper ghall-isem biss. Tghid li kuljum hija kienet taghmel Housekeeper Report biex jigi registrat liema kmamar huma okkupati, liema kienu lesti biex jidhlu n-nies fihom u liema ghad iridu jsiru. Tghid li f'Awwissu 2006 meta l-lukanda kienet l-iktar mimlija s-sur Pulis beda jnaqqas il-hin tax-xoghol tal-*laundry attendant* sal-punt li din irrizenjat, u allura spiccat taghmlu r-rikorrenti. Tant kien ikun hemm xoghol ta' laudry li kien ikollhom jigu jghinuha l-maids. Qatt ma regghu impjegaw laundry attendant. Tghid li kienet ilmentat mac-Chairman tal-kumpanija u bis-sahha tieghu hija

regghet bdiet tiehu hsieb ir-roster. Hija dahlet fi ftehim mal-assistenta Alexia Micallef biex il-Hdud tehodhom dejjem 'off', biex tkun tista' ggib lil ommha anzjana d-dar ghandha.

Ir-rikorrenti tghid li wara li giet infurmata bit-terminazzjoni tal-impieg, hija bdiet tara li jitnaddaf kollox, anke l-purtieri, u baqghet ghaddejja b'dan ix-xoghol sal-ahhar gurnata li damet tahdem it-2 ta' Dicembru 2009. Wara din il-gurnata harget fuq leave sa ma spicca l-impieg fid-29 ta' Dicembru. Tghid li fid-19 –il sena ta' impieg, hija qalghet warning darba biss fl-2007, u ssostni li tali warning kien ingust. Pero' meta s-sur Pulis infurmaha li ser titwaqqaf mix-xoghol, huwa qalilha wkoll li kienu kuntenti hafna b'xogholha u li kienu lesti jdahhluha lura meta l-lukanda tiftah mill-gdid. Tghid li fil-waqt li lill-kollegi taghha offrewlhom xoghol alternattiv waqt l-gheluq tal-lukanda, lilha ma offrewlha xejn. Tghid li zewgha baqa' jahdem fir-restaurant Pomodoro fejn kien jahdem impjegat iehor li dahal wara zewgha, u allura l-ewwel kien ikollu jitwaqqaf mix-xoghol dak-il-haddiem, f'kaz ta' redundancy. Tghid li ma kinitx thossha rispettata, bhal meta ma riedux jaghmlulha air-conditioner fil-laundry fejn kien ikun hemm shanat kbar, u bhal meta giet ordnata ma tidholx wara l-front office desk. Tant kien ikollha xoghol li l-anqas tant kien ikollha hin tiehu breaks bhall-kumplament tal-managers. Tghid li s-sur Pulis qatt ma qalilha li kienet qed titqies redundant b'mod permanenti, anzi qalilha li kienet ser tigi impjegata mill-gdid. Kieku qalilha mill-ewwel li ma kinitx ser tiddahhal lura, hija kienet timxi mod iehor. Finalment iddikjarat li sa Mejju 2011 kienet ghadha ma sabitx impieg alternattiv. In kontroezami hija tghid li hija qatt ma hadmet ta' cleaner. Tghid li meta kienet tiddelega l-iccekkjar tal-kmamar lil Alexia jew lil Dorothy, hija xorta kienet tiffirma d-daily report: hi kienet responsabbli ghat-tajjeb jew hazin li kienu jaghmlu, pero` dawn kienu *reliable*.

George Cremona mid-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali jghid li r-rikorrenti kellha tohrog bil-penzjoni ta' 63 sena fl-2019. Persuna tehtieg 35 sena ta' hlas ta' Kontribuzzjonijiet biex tiehu penzjoni, li tigi kkalkolata fuq il-medja tal-ahhar 10 snin li tkun hadmet flimkien mal-medja tal-25 sena ta' qabel; igifieri

imbaghad tinhadem il-medja bejn dawn iz-zewg medji, u jinhadmu z-zewg terzi. Il-kontribuzzjonijiet jibdew jghoddu minn meta persuna taghlaq 19 –il sena 'l fuq, u min ihallas izjed minn 25 sena jintghazlulu l-ahjar 25 sena. Ir-rikorrenti hadmet il-25 sena, pero l-parti l-kbira tal-ahhar 10 kienet qed taghmilhom bla impieg. Jekk ir-rikorrenti baqghet tirregistra ghax-xoghol, id-Dipartiment jibqa' jtiha kreditu fis-sens li tkun qisha qed thallas il-kontribuzzjoni xorta, u ghal dan tigi kkalkolata l-medja tal-kontribuzzjonijiet li hallset fl-ahjar 3 snin konsekuttivi li qatt hadmet, anke jekk dan ifisser li tmur lura numru ta' snin.

KONSIDERAZZJONIJIET

Dwar l-eccezzjoni preliminari li l-kaz iddahhal tardiv, is-socjeta` intimata m'ghandha ragun xejn ghaliex l-impieg tar-rikorrenti intemm fid-29 ta' Dicembru 2009 mentri dan il-kaz infetah fid-29 t'April 2010, u cioe` entro l-4 xhur li tippermetti l-ligi. Ghal dawn l-iskopjiet, meta ttiehdet id-decizjoni tat-terminazzjoni tal-impieg huwa ghal kollox irrilevanti.

Fil-mertu, dan il-kaz jippernja fuq jekk huwiex minnu li s-socjeta` intimata ma kienx ghad ghandha bzonn tar-rikorrenti bhala Housekeeper jew le wara li waqfet topera hames xhur bejn Novembru 2009 u Marzu 2010. Minn dak li sema' t-Tribunal, jidher li aktar ma ghadda z-zmien mill-impieg tar-rikorrenti, aktar ma s-subalterni taghha kienu ottjenew esperjenza li biha setghu jirrimpjazzawha f'xogholha. Jirrizulta li r-rikorrenti kienet minn zmien ghal zmien titlob lil dawn is-subalterni taghha jissostitwuha, jew ghax ma tkunx qed tlahhaq max-xoghol kollu li kellha jew kif tghid hi biex tevita li tahdem fil-Hdud. Jidher li meta l-lukanda giet biex taghmel refurbishment, it-tmexxija kellha l-hsieb timpjega lil kulhadd lura, hlief ghal impjegata wahda (mhux ir-rikorrenti). Jidher li s-socjeta` intimata ghamlet l-almu taghha biex kemm jista'

jkun izzomm l-akbar numru ta' haddiema ikomplu jahdmu, anke jekk bi rwoli differenti, u dan anke fiz-zmien li l-lukanda ma kinitx qed tilqa' nies.

Meta imbaghad il-lukanda regghet fethet, il-haddiema regghu bdew jissejhu mill-gdid ftit ftit skond kif beda jizdied ix-xoghol. It-Tribunal jifhem li l-haddiema bdew jissejhu skond kif necessarju biex il-lukanda topera u tlahhaq max-xoghol li kien gej, u mhux issejjah lil kulhadd bl-addocc. Jidher li meta f'April 2010 ir-rikorrenti riedet tkun taf x'ser isir minnha, il-lukanda ma kienx ghad inqalghalha l-bzonn li ssejhilha lura, u qaltilha li mhemmx xoghol ghaliha. Jirrizulta li l-lukanda kienet ghadha fil-process li ssejjah lill-haddiema anke f'Settembru 2010. Ir-rikorrenti qed tibbaza l-ilment taghha fuq tliet pilastri, u cioe` li t-terminazzjoni tal-impieg taghha f'Dicembru 2009 ma kienitx gusta, li saret diskriminazzjoni maghha, u li ma ssejhitx lura jekk inqala' l-bzonn ghaliha fi zmien sena.

Dwar it-terminazzjoni tal-impieg f'Dicembru 2009, dan it-Tribunal ihoss li mhemmx wisq x'wiehed jargomenta, ghaliex kienet haga carissima li la l-lukanda waqfet topera f'Ottubru 2009, f'Dicembru ma kienx ghad hemm xoghol ta' Housekeeping ghar-rikorrenti. Ghaldaqstant l-ilment li t-terminazzjoni tal-impieg taghha ma kienx veru minhabba redundancy, imma tkeccija ingusta, ma huwiex fondat. Hafna kienu dawk li twaqqfu mix-xoghol fl-istess perjodu, ghalkemm uhud talbu li jinstabilhom xi haga ohra x'jaghmlu, kif sar.

Dwar id-diskriminazzjoni, r-rikorrenti timpustaha fis-sens li kulhadd inghata xi forma ta' impieg wara r-refurbishment minbarra lilha. Dan l-ilment ma jaqax taht diskriminazzjoni ghaliex id-diskriminazzjoni tehtieg li l-persuna impjegata tqabbel ruhha ma impjegati ohra fl-istess pozizzjoni; irrizulta li l-lukanda ma kellha lil hadd iktar fil-pozizzjoni ta' Housekeeper. Se mai dan l-ilment irid jigi trattat ma' l-ilment li hija ma gietx impjegata mill-gdid meta rega' nqala' l-bzonn. Ghalhekk dan l-ilment mhux gustifikat.

Jibqa' ghalhekk l-ilment li r-rikorrenti ma ddahhlitx lura ghax-xoghol minkejja li kien hemm vakanza fi zmien sena (kif tghid il-ligi). Dan l-ilment setgha tressaq sa erba' xhur minn meta ghalqet dik is-sena, u allura r-rikorrent kellha l-possibilita` li tiftah il-kaz aktar tard, pero naturalment hija htigilha tifthu sad-29 ta' April 2010 minhabba l-ilmenti l-ohra li ssemmew hawn fuq. Dwar dan l-ilment dan it-Tribunal jirrizultalu li fid-29 t'April 2010 il-lukanda Milano Due kienet ghadha fl-istadju li tibda' tilqa' n-nies, pero` ftit li xejn kellha xoghol u ghalhekk hafna haddiema kienu ghadhom ma ssejhux. Jista' jaghti l-kaz li l-insistenza tar-rikorrenti biex tidhol mill-gdid u l-ftuh ta' dan il-kaz holqu certu animozita` bejnha u s-sur Pulis, li kien qed jiehu hsieb isejjah lill-impjegati lura, pero` dan it-Tribunal ma jistax ma jinnotax il-prontezza li biha wiegeb is-sur Pulis meta mistoqsi ghalxiex ma offriex xoghol alternattiv (mhux Housekeeper) lir-rikorrenti, meta qal li x-xoghol alternattiv li kien hemm kien ta' strapazz u dan ma setghetx taghmlu r-rikorrenti. Jirrizulta wkoll li matul is-snin ta' qabel ir-refurbishment, ix-xoghol li kienet taghmel ir-rikorrenti prattikament seta' jaghmlu xi hadd iehor, u ghalhekk jidher li kien veru li maz-zmien ir-rikorrenti ma baqghetx daqstant indispensabbli. Daqstant iehor it-Tribunal jinnota kif, in kontroezami, s-sur Pulis jikkonferma li meta ghamel il-budget ghall-2010 huwa kien ipprovda ghall-paga tal-House Keeper. Dan juri li sal-ahhar tal-2009 huwa kellu f'mohhu li jdahhalha lura.

Ghalhekk dan it-Tribunal jasal biex jikkonkludi li meta r-rikorrenti ressqet dan l-ilment taghha, l-lukanda verament kienet ghadha bi ftit xoghol u ma kellhiex bzonn ta' house-keeper. Dan it-Tribunal huwa propens li bir-regola tal-Ius Superveniens jinvestiga jekk ghall-kumplament tas-sena inqalghax il-bzonn ta' Housekeeper sa Dicembru 2010. Pero' f'dawn ic-cirkostanzi kien jispetta lir-rikorrenti li ggib prova li inqala' dan il-bzonn. Skond is-socjeta` intimata, sa nofs l-2011 il-lukanda kienet ghadha ma rpiljatx ghal kollox u kienet moqdija sew bin-nies li kienet dahhldet sa dakinhar. Id-doveri diversi tar-rikorrenti kienu qed jaghmluh il-haddiema l-ohra li regghu hadu posthom, u dan b'zieda max-xoghol li kellhom. Kif indikat, ir-rikorrenti ma setghetx tidhol flokhom ghax dawn lesti jaghmlu kull xoghol, anke dak ta' strapazz meta hemm bzonn.

Dan kollu jwassal lit-Tribunal biex jikkonkludi li l-kaz tar-rikorrenti huwa pjuttost sfortunat, pero` ma tirrizutla ebda mala fede minn naha tal-kumpanija intimata. Il-kumpanija intimata rat kif illapazzat bil-haddiema li kellha, pero r-rikorrenti sfortunatament ghandha certi limitazzjonijiet, partikolarment dawk ta' sahha (li r-rikorrenti ma cahditx li ghandha), li jaghmluha inqas flessibli, u ghalhekk inqas utli ghall-kumpanija intimata. Ir-records juru li dahlu hafna maids warajha, pero' dak ix-xoghol ma jghoddx ghar-rikorrenti, u ma rrizultax li prezentement hemm xi kariga ohra li kienet tghodd ghaliha.

DECIZJONI

Ghaldaqstant, wara li dan it-Tribunal ra l-atti kollha ta' dan il-kaz, it-Tribunal qieghed fl-ewwel lok jichad l-eccezzjoni preliminari, u fit-tieni lok jiddeciedi u jiddikjara li t-terminazzjoni tal-impieg tar-rikorrenti kienet genwinament ibbazata fuq redundancy, li ma giet ippruvata ebda diskriminazzjoni kontra taghha, u ma rrizultax li l-kumpanija intimata inqalghetilha l-htiega li terga' timpjega lir-rikorrenti fix-xoghol li kellha qabel, tal-inqas matul is-sena dekorribbli mit-terminazzjoni tal-impieg taghha. Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jichad it-talbiet ghal re-instatement kif ukoll ghall-hlas ta' kumpens. Ghall-finijiet tal-Kap 452 tal-ligijiet ta' Malta rigwardanti drittijiet tad-difensuri tal-partijiet, dawn qed jigu ffissati fl-ammont ta' tlieta u disghin Euro (€93.00). B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

Dr Leslie Cuschieri
Chairman